**PARLAMENT TA' MALTA**

**Mistoqsijiet Parlamentari**

Parlament Leġiżlatura XV

Seduta Numru 11

It-Tlieta, 14 ta' Lulju, 2026 fl-4:00 p.m.

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI

### L-UNIVERSITÀ TAT-TIELET ETÀ – PERSUNI LI ATTENDEW

**70. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni li attendew l-Università tat-Tielet Età sa Ġunju 2026?

22/06/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-informazzjoni mitluba ġiet provduta lil dan il-Parlament permezz tat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 35144 tal-leġiżlatura XIV, u ċjoè, li fl-Università ta' Malta bħalissa hemm 782 persuna li qed jattendu l-Università tat-Tielet Età
Infurmat li ma kienx hemm żviluppi oħra wara din it-tweġiba parlamentari.
L-U3As jikkostitwixxu ċentri soċjo-kulturali fejn l-anzjani jiksbu għarfien ġdid f'ambjent pjaċevoli u bi proċessi ta' tagħlim adegwati. L-udjenzi fil-mira tagħhom huma nies fit-tielet età tal-ħajja - jiġifieri, il-fażi tal-ħajja kkaratterizzata minn distakk relattiv minn karrieri professjonali stressanti u responsabbiltajiet eżiġenti fit-trobbija tal-familja fost l-oħrajn. Infurmat li l-Università tat-Tielet Età (U3E) tal-Università ta' Malta toffri korsijiet edukattivi għall-adulti 'l fuq minn 60 sena. Infurmat li l-membri jistgħu jattendu lekċers fuq firxa wiesgħa ta' suġġetti anke mingħajr ebda rekwiżiti akkademiċi. Infurmat li dan isir f' diversi ċentri madwar Malta u Għawdex, sitta f'Malta u tnejn f'Għawdex.

Seduta Numru 11
14/07/2026

### L-UNIVERSITÀ TAT-TIELET ETÀ – PERSUNI LI QED JATTENDU

**71. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li huma rġiel, nisa jew ta' ġeneru ieħor mill-persuni li qed jattendu l-Università tat-Tielet Età bħalissa?

22/06/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li t-tagħrif hu dak fit-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 35145 tal-leġiżlatura XIV.

Seduta Numru 11
14/07/2026

### L-UNIVERSITÀ TAT-TIELET ETÀ – LECTURES

**72. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid fejn qed isiru l-lectures għall-persuni li jattendu l-Università tat-Tielet Età?

22/06/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li t-tagħrif hu dak fit-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 35146 tal-leġiżlatura XIV.

Seduta Numru 11
14/07/2026

### L-UNIVERSITÀ TA' MALTA – MATURE STUDENTS – ETÀ

**73. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid mil-liema età persuna hija kkunsidrata bħala matura u għalhekk ma jkollhiex għalfejn ikollha l-kwalifiki kollha neċessarji, skont il-proċedura tal-Università?

22/06/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li t-tagħrif hu dak fit-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 35147 tal-leġiżlatura XIV.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA – MATURE STUDENTS**

**74. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid, f'numri assoluti u persentaġġi, kemm hemm mature students (iktar avvanzati fl-età) mill-popolazzjoni studenteska tal-Università ta' Malta? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn l-istudenti huma nisa, irġiel jew ta' ġeneru ieħor?

22/06/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li t-tagħrif hu dak fit-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 35148 tal-leġiżlatura XIV.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA – POPOLAZZJONI STUDENTESKA**

**75. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid, f'numri assoluti u persentaġġi, kemm hemm studenti mill-popolazzjoni studenteska tal-Università ta' Malta li huma Maltin, studenti mill-Unjoni Ewropea u studenti barra mill-Unjoni Ewropea? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn l-istudenti huma nisa, irġiel jew ta' ġeneru ieħor?

22/06/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li t-tagħrif hu dak fit-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 35149 tal-leġiżlatura XIV.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**PERMESSI APPROVATI WARA L-ELEZZJONI TAL-2026**

**180. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il permess ġie approvat wara l-elezzjoni ġenerali ta' Mejju 2026 u jekk dawn kinux diġà pendenti qabel l-elezzjoni?

23/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex tinġabar l-informazzjoni.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR - UFFIĊJALI TAL-INFURZAR**

**181. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm uffiċjali tal-enforcement jaħdmu bħalissa mal-Awtorità tal-Ippjanar u kemm hemm vacancies f'dan id-dipartiment?

23/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni tingħata f' xi seduta oħra.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**POLICIES TAL-GVERN**

**182. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern għandux l-intenzjoni li jirrevedi l-policies dwar:
(i) l-għoli tal-bini;
(ii) id-densità urbana;
(iii) il-protezzjoni tal-ispazji miftuħa; u
(iv) l-impatt fuq il-kwalità tal-ħajja tar-residenti?

23/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-aspetti tal-ippjanar tal-iżvilupp, li għamel referenza għalihom, jiffurmaw parti integrali mill-qafas ta' politika tal-Pjan Strateġiku (SPED), il-Pjani Lokali u l-Policies Sussidjarji li qed jiġu analizzati mill-Awtorità tal-Ippjanar sabiex tkun tista' tirrakkomanda t-tibdil meħtieġ biex ikunu jistgħu jintlaħqu l-miri tal-Vision 2050 u anke tal-Manifest Int Malta.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**MEMORANDUM, POLICY GUIDANCE JEW INTERNAL CIRCULARS DWAR L-IPPROĊESSAR TA' CONSTRUCTION PERMITS**

**183. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kull memorandum, policy guidance jew internal circular relatata mal-ipproċessar ta' construction permits maħruġa matul Frar, Marzu, April u Mejju tal-2026?

23/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba ser tingħata f' xi seduta oħra.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**KONĊESSJONIJIET TA' ARTIJIET MILL-GVERN JEW MINN ENTITAJIET GOVERNATTIVI**

**189. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew approvati konċessjonijiet ta' artijiet mill-Gvern jew minn entitajiet governattivi matul Frar, Marzu, April u Mejju tal-2026?

23/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**KONĊESSJONIJIET TA' ARTIJIET APPROVATI**

**190. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista sħiħa tal-konċessjonijiet ta' artijiet approvati matul Frar, Marzu, April u Mejju tal-2026, inkluż:
1. il-lokalità;
2. id-daqs tal-art;
3. l-użu propost;
4. il-valur stmat tal-art; u
5. l-entità jew persuna benefiċjarja?

23/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**Ħ'ATTARD – BERĠA TAS-SAĦĦA – SISTEMI KOMPUTERIZZATI**

**256. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid għaliex il-Berġa tas-Saħħa ta' Ħ'Attard għadha b'sistema komputerizzata primittiva? Jista' jgħid meta dawn is-sistemi ħa jinbiddlu u x'investiment se jsir?

24/06/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-Berġa tas-Saħħa ta' Ħ'Attard tuża l-istess infrastruttura tal-IT bħal kull berġa komunitarja u ċentru tas-saħħa ieħor fi ħdan is-servizz tal-Kura Primarja. Dan jinkludi wkoll l-użu tas-Sistema Elettronika tar-Rekords tal-Pazjenti.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**TESTIJIET TAL-VISTA, EŻAMIJIET OFTALMOLOĠIĊI JEW KURA RELATATA MAL-VISTA TAL-GĦAJNEJN – TFAL**

**257. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien in-numru ta' tfal taħt it-12-il sena li attendew għall-ewwel darba għal testijiet tal-vista, eżamijiet oftalmoloġiċi jew kura relatata mal-vista tal-għajnejn, matul l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena?

24/06/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**SEGWITU, MONITORAĠĠ JEW KURA RELATATA MAL-VISTA TAL-GĦAJNEJN – TFAL**

**258. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien in-numru ta' tfal taħt it-12-il sena li attendew b'mod regolari għal segwitu, monitoraġġ jew kura relatata mal-vista tal-għajnejn, matul l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena?

24/06/2026

**ONOR. IAN BORG:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 257.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**TESTIJIET TAL-VISTA, EŻAMIJIET OFTALMOLOĠIĊI JEW KURA RELATATA MAL-VISTA TAL-GĦAJNEJN – ADOLOXXENTI**

**259. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien in-numru ta' adoloxxenti bejn it-13 u d-19-il sena li attendew għall-ewwel darba għal testijiet tal-vista, eżamijiet oftalmoloġiċi jew kura relatata mal-vista tal-għajnejn, matul l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena?

24/06/2026

**ONOR. IAN BORG:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 257.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**MONITORAĠĠ JEW KURA RELATATA MAL-VISTA TAL-GĦAJNEJN – ADOLOXXENTI**

**260. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien in-numru ta' adoloxxenti li sena b'sena attendew b'mod regolari għal monitoraġġ jew kura relatata mal-vista tal-għajnejn, matul l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena?

24/06/2026

**ONOR. IAN BORG:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 257.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**TESTIJIET TAL-VISTA, EŻAMIJIET OFTALMOLOĠIĊI JEW KURA RELATATA MAL-VISTA TAL-GĦAJNEJN – ŻGĦAŻAGĦ**

**261. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien in-numru ta' żgħażagħ bejn l-20 u l-35 sena li attendew għall-ewwel darba għal testijiet tal-vista, eżamijiet oftalmoloġiċi jew kura relatata mal-vista tal-għajnejn, matul l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena?

24/06/2026

**ONOR. IAN BORG:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 257.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**IL-VAPUR NIKOLAUS – MANUTENZJONI**

**474. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il darba l-vapur Nikolaus daħal fid-Dockyard għall-manutenzjoni, kemm kienet l-ispiża ta' kull manutenzjoni, u min ħallas għal din l-ispiża? Jista' jagħti ukoll is-sena ta' meta saret kull manutenzjoni?

30/06/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-vapur jidħol fid-drydocks skont ir-rekwiżiti tal-klassi u l-ispejjeż ta' kull manutenzjoni jitħallsu minn sid il-vapur, jiġifieri, ma jitħallsux la mill-kumpanija Gozo Channel Ltd u lanqas mill-Gvern.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**IL-VAPUR NIKOLAUS – KIRJA U SPIŻA TOTALI**

**475. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm swiet il-kirja tal-vapur Nikolaus, li l-Gvern beda jikri f'Ġunju tal-2019, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u kemm hija l-ispiża totali mħallsa s'issa fir-rigward ta' din il-kirja?

30/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**GOZO CHANNEL – TENDER ĠDID GĦALL-PROVVISTA TA' VAPUR**

**476. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kif it-tender il-ġdid għall-provvista ta' vapur għall-Gozo Channel huwa differenti mit-tenders preċedenti u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kundizzjonijiet kollha tas-sejħa għall-offerti (tender)?

30/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**GOZO CHANNEL – TENDER ĠDID GĦALL-PROVVISTA TA' VAPUR – MIŻURI**

**477. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid x'miżuri ttieħdu sabiex jiġi żgurat li t-tender il-ġdid għall-provvista ta' vapur għall-Gozo Channel ikun miftuħ għal kompetizzjoni effettiva u ma jkunx imfassal b'tali mod li ma jirċievi l-ebda offerta konformi, bil-konsegwenza li l-Gozo Channel terġa' tiddependi fuq il-vapur Nikolaus?

30/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**GOZO CHANNEL – KIRJA TAL-VAPUR NIKOLAUS – EVALWAZZJONI**

**478. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-ammont li ntefaq sal-lum fuq il-kirja tal-vapur Nikolaus seta' jintuża għal investiment sostanzjali fi flotta ġdida għall-Gozo Channel? Jekk iva, jista' jgħid ukoll x'inhi l-evalwazzjoni li għamel il-Gvern f'dan ir-rigward?

30/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**GOZO CHANNEL – FLOTTA ĠDIDA – KOFINANZJAMENT MILL-UE**

**479. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, bediex proċess serju biex jikseb kofinanzjament mill-Unjoni Ewropea għall-investiment fi flotta ġdida tal-Gozo Channel? Jekk le, jista' jgħid ukoll liema passi ttieħdu u f'liema stadju jinsabu?

30/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**L-IMTARFA – GROUND**

**668. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid x'kienet ir-raġuni li ttieħed il-ground fl-Imtarfa? Jista' jgħid ukoll x'kien l-iskop ta' din id-deċiżjoni u x'alternattivi ġew offruti?

01/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tkun iktar speċifika fil-mistoqsija tagħha, fosthom għal liema grawnd qed tirreferi.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI U L-ARTIJIET – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI – KPIS**

**706. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk ġewx stabbiliti indikaturi ta' prestazzjoni (KPIs) sabiex jitkejjel l-impatt tal-użu ta' sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fi ħdan il-Ministeru u l-entitajiet tiegħu, u jekk iva, jelenkahom u jindika kif qed jitkejlu?

01/07/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 704.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U L-FAMILJA – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI – KPIS**

**707. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid jekk ġewx stabbiliti indikaturi ta' prestazzjoni (KPIs) sabiex jitkejjel l-impatt tal-użu ta' sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fi ħdan il-Ministeru u l-entitajiet tiegħu, u jekk iva, jelenkahom u jindika kif qed jitkejlu?

01/07/2026

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba li ngħatat lill-mistoqsija parlamentari 704.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U L-PROVVISTA TAL-IKEL – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI – KPIS**

**708. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid jekk ġewx stabbiliti indikaturi ta' prestazzjoni (KPIs) sabiex jitkejjel l-impatt tal-użu ta' sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fi ħdan il-Ministeru u l-entitajiet tiegħu, u jekk iva, jelenkahom u jindika kif qed jitkejjlu?

01/07/2026

**ONOR. ANTON REFALO:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 704.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IT-TEKNOLOĠIJA U PROĠETTI STRATEĠIĊI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI – KPIS**

**709. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk ġewx stabbiliti indikaturi ta' prestazzjoni (KPIs) sabiex jitkejjel l-impatt tal-użu ta' sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fi ħdan il-Ministeru u l-entitajiet tiegħu, u jekk iva, jelenkahom u jindika kif qed jitkejjlu?

01/07/2026

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 704.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI – KPIS**

**710. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid jekk ġewx stabbiliti indikaturi ta' prestazzjoni (KPIs) sabiex jitkejjel l-impatt tal-użu ta' sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fi ħdan il-Ministeru u l-entitajiet tagħha, u jekk iva, telenkahom u tindika kif qed jitkejjlu?

01/07/2026

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 704.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI – KPIS**

**711. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid jekk ġewx stabbiliti indikaturi ta' prestazzjoni (KPIs) sabiex jitkejjel l-impatt tal-użu ta' sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fi ħdan il-Ministeru u l-entitajiet tiegħu, u jekk iva, jelenkahom u jindika kif qed jitkejlu?

01/07/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari704.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**SPTAR ĠENERALI T'GĦAWDEX - IMPJEGATI ĠODDA**

**798. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 120 u jgħid kemm ġew ingaġġati impjegati ġodda fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex f'April, f'Mejju u f'Ġunju 2026, separatament għal kull xahar?

02/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**SCRAP TA' KAROZZI EV – FAĊILITAJIET**

**804. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il faċilità hawn biex persuna tagħmel scrap ta' karozza EV? Tista' tgħid ukoll fejn jinsabu kull waħda minn dawn il-faċilitajiet?

02/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li bħalissa hawn faċilità waħda li għandha permess mill-Awtorità għall-Ambjent u Riżorsi (ERA) li jinkludi speċifikament li tista' tipproċessa vetturi EV. Din il-faċilità tinsab fi Scrap Lane, Triq Valletta, Ħal Luqa.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**BAJJA TA' BUĠIBBA – DGĦAJJES IRMIĠĠATI**

**805. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: B'referenza għall-irbit fil-bajja ta' Buġibba (wara l-breakwater) peress li jidher li l-irmiġġi żdiedu u mhux tnaqqsu bis-sistema ta' poppa-pruwa, u peress li jidher li diġà tfaċċaw dgħajjes li ma kenux marbutin f'dawn l-akkwati qabel, jista' l-Ministru jagħti l-kriterji li abbażi tagħhom tqassmu dawn l-irmiġġi ġodda u żejda, speċjalment meta numru ta' sidien li kellhom dgħajjes irmiġġati hemmhekk għal iktar minn għoxrin sena, tilfu l-post li kellhom u ma ngħatawx alternattiva? Jista' jgħid ukoll x'qed isir dwar dawk li ntlaqtu mill-fairway u mir-riorganizzazzjoni u tilfu posthom?

02/07/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-perimetru tal-*footprint* madwar il-moll ta' Buġibba, fejn saret ir-riorganizzazzjoni tal-irmiġġi, senjatament fejn jopera l-*fast ferry* ma nbidilx. Madankollu, f'dak il-*footprint* kellu jittieħed spazju sabiex isiru l-*fairways* meħtieġa għall-operat tal-*fast ferry*, filwaqt li tiġi garantita s-sigurtà tan-navigazzjoni ta' terzi. Dawk li kellhom l-irmiġġi tagħhom fil-konfini ta' fejn ġew stabbiliti l-*fairways* ingħataw prijorità fl-allokazzjoni ta' post ta' rmiġġ ġdid.

Għal dawk l-irmiġġi li kienu barra l-footprint fejn saret ir-riorganizzazzjoni, li kienu pożizzjonati fejn ġiet stabbilita l-*fairway* tal-*fast ferry*, u liema rmiġġi ma kienux regolari, iżda kienu ilhom tul ta' żmien fil-post, ingħataw l-opportunità sabiex, flimkien mal-Awtorità, jidentifikaw u jaqblu fuq post fejn għandu jsir l-irmiġġ il-ġdid.

Dawk li qed isostnu li tilfu l-irmiġġi tagħhom huma ftit minn dawk li qed nirreferi għalihom fil-paragrafu preċedenti, ossia uħud minn dawk li ma kellhomx irmiġġ regolarizzat, kienu jinstabu fil-*fairway*, u rrifjutaw li jaslu mal-Awtorità sabiex jinstab post alternattiv għalihom, u dan minkejja li l-Awtorità kienet disposta li tkoprilhom l-ispejjeż ta' tali rilokament.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**PENSJONI NON-KONTRIBUTORJA U ASSISTENZI SOĊJALI - ŻIEDA FL-ELIĠIBILITÀ**

**892. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid meta ser tkun qed tiżdied l-eliġibilità għall-pensjoni non-kontributorja, l-assistenza soċjali, l-assistenzi mediċi u l-kartuna r-roża? Jista' jgħid ukoll kemm se tkun din iż-żieda fil-limitu ta' assi kapitali?

03/07/2026

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li għall-ewwel darba wara ħafna snin, matul l-2017 ġie mwessa' l-ammont tat-test tal-kapital fir-rigward tal-Għajnuna Medika bla Ħlas. Għal persuni waħedhom l-ammont twessa' minn €9,320 għal €14,000 u għall-koppji l-ammont twessa' minn €16,310 għal €23,300.

Dan kien l-ewwel pass, sabiex sussegwentement fl-2022 it-test tal-kapital għall-persuni waħedhom u koppji li diġà kienu ilhom jirċievu l-Pensjoni tal-Età u l-Għajnuna Medika għal mill-inqas ħames snin u jirtu proprjetà jew flejjes, it-test tal-kapital twessa' minn €14,000 għal €30,000 u għall-koppji minn €23,300 għal €50,000.

Il-Baġit għas-sena 2025 reġa' wessa' il-parametri tat-test tal-kapital minn €14,000 għal €16,000 fir-rigward ta' persuni waħedhom u minn €23,300 għal €26,000 fir-rigward tal-koppji.

Żvilupp ieħor huwa illi skont kif ġie mwiegħed fill-manifest, b'mod gradwali l-limiti (thresholds) imsemmija ser jaraw twessiegħ minn €16,000 għal €20,000 fir-rigward ta' persuni waħidhom u minn €26,000 għal €30,000 fir-rigward tal-koppji.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**ALLOWANCE SUPPLIMENTARI - ŻIEDA FL-ELIĠIBILITÀ**

**893. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux ser tiżdied l-eliġibilità għall-allowance supplimentari u b'kemm ser tiżdied?

03/07/2026

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi r-rati tal-Allowance Supplimentari żdiedu b'mod konsiderevoli matul l-2017, l-2022, l-2025 u l-2026. Dan ifisser li matul l-2026 ir-rata massima għal persuni waħedhom żdiedet għal €14.40 fil-ġimgħa filwaqt li għal koppji żdiedet għal €27.30 fil-ġimgħa.

Tajjeb jingħad illi kull sena l-limiti (thresholds) ta' eliġibilità fir-rigward tal-Allowance Supplimentari jitwessgħu permezz tal-Baġit annwali. Matul l-2025 il-limitu (threshold) għall-koppji twessa' b'mod sostanzjali, sa €18,000 biex aktar koppji jiġu inklużi fil-parametri ta' eliġibilità.

Permezz tal-Baġit għas-sena 2026, minbarra iż-żieda fir-rati kif imfisser aktar qabel, reġgħu twessgħu l-limiti (thresholds) ta' eliġibilità b'mod aktar vantaġġjuż, minn €12,493 għal €14,000 fir-rigward ta' persuni waħedhom u minn €18,000 għal €20,000 fir-rigward tal-koppji.

Wara dak mħabbar fil-manifest elettorali, din l-allowance ser tkompli tara żidied fil-limiti ta' dħul. Il-limitu (threshold) kif imwiegħed fil-manifest, fir-rigward ta' persuni waħedhom, elettorali, ser jitwessa' minn €14,000 għal €18,000 u fir-rigward tal-koppji l-limitu (threshold) ser jitwessa' minn €20,000 għal €25,000.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**XJENZA MALTA – FONDI NAZZJONALI U EWROPEJ**

**894. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm fondi nazzjonali u fondi Ewropej disponibbli għal Xjenza Malta sal-aħħar ta' din is-sena?

03/07/2026

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellant għall-estimi finanzjarji tal-budget, li kopja tagħhom diġà tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra, infurmat li b'mod addizzjonali, hemm ukoll fondi attribwiti mill-Fond Ewropew għall-iżvilupp Reġjonali (ERDF), permezz tal-Ministeru għall-Fondi Ewropej u l-Implimentazzjoni tal-Manifest Elettorali.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**IL-FGURA – TRIQ BALDASSARE LANCI – XOGĦLIJIET**

**895. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid meta ser titwaħħal l-istop sign fi Triq Baldassare Lanċi, il-Fgura, peress li kienet maqlugħa?

03/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant tagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**SKEMA 'BUYING ENERGY-EFFICIENT HOMES'**

**896. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna applikat għall-iskema 'Buying Energy-Efficient Homes' sa issa?

03/07/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant biex tagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**IX-XGĦAJRA – BIEB TAL-FORTIZZA TAL-GRAZZJA**

**897. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid meta nqala' l-bieb tal-Fortizza tal-Grazzja fix-Xgħajra u x'sar minnu, minn meta nqala' sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

03/07/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi s-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali qiegħda f'diskussjonijiet rigward il-proċess tar-restawr.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**MGA – PERMESS TA' LOGĦOB – APPLIKAZZJONIJIET**

**898. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid għalfejn ma' kull applikazzjoni għal permess ta' logħob (tombla), l-Awtorità ta' Malta dwar il-Logħob qed titlob id-dettalji tal-membri kollha tal-kumitat u mhux biss tal-persuna li qed tapplika?
Jista' wkoll:
i. jgħid x'inhu l-iskop ta' din it-talba għall-informazzjoni;
ii. jgħid għaliex mhux qed jintalbu biss id-dettalji tas-segretarju jew tal-persuna li qed tapplika f'isem il-kumitat; u
iii. jagħti garanzija li tali dettalji qed jinżammu biss mill-uffiċjali nkarigati mill-ipproċessar tad-data f'dik l-awtorità, b'tali mod li ma jkollhomx aċċess għalihom terzi, inkluż impjegati oħra tal-istess awtorità?

03/07/2026

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi Organizzazzjoni Volontarja ('OV') li tapplika għal permess ta' logħob ta' riskju baxx (tombla), skont l-Artikolu 44(4) tal-'Gaming Authorisations and Compliance Directive (Directive 3 of 2018)', hija obbligata li tissottometti lill-Awtorità ta' Malta dwar il-Logħob ('MGA') l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa għall-finijiet tal-applikazzjoni, inkluża, iżda mhux limitata għal, dokumentazzjoni statutorja rilevanti relatata mal-istess organizzazzjoni.
F'dan ir-rigward, il-proċess t'awtorizzazzjoni jirrikjedi lid-dipartiment rilevanti tal-MGA jiġbor informazzjoni relatata mal-membri tal-kumitat tal-OV sabiex jivverifika li l-individwu li jkun qed jissottometti l-applikazzjoni in kwistjoni, huwa awtorizzat jagixxi f'isem l-OV kkonċernata. Għal din l-istess raġuni, ma jintalbux biss id-dettalji tas-segretarju jew tal-persuna li qed tapplika f'isem il-kumitat.
Barra minn hekk, l-aċċess għal din l-informazzjoni huwa ristrett għal dawk l-impjegati tal-MGA li lir-rwoli u r-responsabbiltajiet tagħhom jeħtieġu tali aċċess għat-twettiq ta' dmirijiethom.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**IX-XEMXIJA – ŻONA TAL-VEĊĊJA – ĦSARAT FID-DAWL TAT-TRIQ**

**920. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tara li d-dawl tat-triq fiż-żona tal-Veċċja, ix-Xemxija jkun mixgħul kuljum matul il-lejl, hekk kif dan id-dawl kien jinsab mitfi matul din il-ġimgħa? Tista' tgħid ukoll jekk issewwietx din il-ħsara u jekk iva, meta?

03/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li d-dawl tat-triq fiż-żona indikata nxtegħel permezz ta' provvista temporanja. Sadattant għaddej il-proċess biex Enemalta tikseb il-permessi meħtieġa biex isiru t-tiswijiet, minħabba li l-ħsara ġiet identifikata taħt l-art.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**IS-SIĠĠIEWI – TRIQ L-IMQABBA – XOGĦLIJIET**

**987. L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 831 u jagħti dettalji (timeframes, fażijiet u data tal-bidu tax-xogħlijiet) dwar il-proġett ta' twessiegħ parzjali minn Infrastructure Malta fi Triq l-Imqabba (magħrufa bħala Ta' Kandja) fil-limiti tas-Siġġiewi, meta ser jibda x-xogħol u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-pjanti ta' dan il-proġett?

07/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa Infrastructure Malta qiegħda fil-fażi ta' preparamenti tal-pjanti u surveys neċessarji fiż-żona kollha ta' Triq l-Imqabba (magħrufa bħala Ta' Kandja), biex ikun jista' jibda il-proċess ta' espropju neċessarju.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**IS-SIĠĠIEWI – TRIQ BLAT IL-QAMAR – XOGĦLIJIET**

**988. L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 832 u jagħti data dwar meta ser jibda x-xogħol ta' rikostruzzjoni mill-ġdid minn Infrastructure Malta, ta' Triq Blat il-Qamar, fis-Siġġiewi u kemm huwa indikat li se jdum dan il-proġett?

07/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet fi Triq Blat il-Qamar, is-Siġġiewi, huma maħsuba li jibdew hekk kif jitlesta ix-xogħol kollu ta' twessiegħ fi Triq Bur il-Kbir u t-triq tkun aċċessibbli fuq żewġ karreġġjati.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**ĦAL QORMI – TRIQ ĠUŻÈ DUCA, TRIQ MANWEL DIMECH U TRIQ ĦAL LUQA – PROBLEMA TAT-TRAFFIKU**

**989. L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 833 u jagħti dettalji u pjanijiet dwar kif ser tissolva l-problema ta' traffiku fil-junction magħrufa bħala tal-Imgħallaq u ċjoè; Triq Ġużè Duca, Triq Manwel Dimech u Triq Ħal Luqa, f'Ħal Qormi?

07/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta qed tistudja din iż-żona u t-traffiku li jgħaddi minnha, bil-għan li tħejji l-aħjar proposta li tindirizza problemi tat-traffiku, kif ukoll issib l-aħjar proposta għal-lokal.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**ĦAL QORMI/Ħ'ATTARD - TREJQA WIED IS-SEWDA - DIŻLIVELLAR**

**990. L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tara li jsir xi tip ta' lqugħ tul it-triq pubblika bejn it-triq u l-wied fi Trejqa Wied is-Sewda, bejn Ħal Qormi u Ħ'Attard (ritratti annessi), minħabba periklu ta' diżlivell għal min ikun għaddej f'dik iż-żona?

07/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru konċernat.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**ĦAL QORMI/Ħ'ATTARD - TREJQA WIED IS-SEWDA - CCTV CAMERAS**

**991. L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk is-CCTV cameras fi Trejqa Wied is-Sewda, bejn Ħal Qormi u Ħ'Attard (ritratti annessi), partikolarment CCTV b'kodiċi ERA-23 u b'kodiċi ERA-05 jaħdmux? Tista' tgħid ukoll min jagħmel sorveljanza tagħhom u jekk ingħatawx multi jew ċitazzjonijiet relatati ma' xi ksur ta' liġi li nqabdu minn dawn is-CCTVs minn meta ġew installati?

07/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li s-CCTV kameras identifikati bil-kodiċi ERA 23 u ERA 05, li jinstabu rispettivament fi Trejqa ta' Wied is-Sewda u fi Triq il-Wied, fil-limiti ta' Ħal Qormi, huma t-tnejn funzjonanti u jsir monitoraġġ fuqhom mill-Compliance & Enforcement Unit tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA). Infurmata wkoll li matul il-perjodu tal-operat ta' dawn il-kameras, inħarġu erba' multi minħabba rimi ta skart illegali permezz ta' vetturi.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**RAĦAL ĠDID – TRIQ NAZZARENU – XELTER**

**998. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid jekk hemmx il-ħsieb li wieħed mill-akbar xelters f'Raħal Ġdid, li jinsab fi Triq Nazzarenu u li kien diġà ġie skopert sentejn ilu, jiġi riabilitat u magħmul aċċessibbli għall-pubbliku f'jiem stabbiliti? Jekk iva, tista' tgħid ukoll jekk hemmx żmien stabbilit sabiex dan isir?

07/07/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Ninsab infurmata mill-Kunsill Lokali ta' Raħal Ġdid li x-xelter fi Triq Nazzarenu għadu jrid jitbattal mill-ilma u jitnaddaf. L-aċċess għalih isir minn bokka li tinsab fit-triq, iżda dan ix-xelter ma jinfetaħx b'mod regolari. Waqt l-aħħar laqgħa tal-Kunsill ġie deċiż li dan ix-xelter mhux se jinfetaħ għall-pubbliku. Din id-deċiżjoni ġiet approvata waqt il-laqgħa li saret fl-24 ta' Mejju 2026.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**RAĦAL ĠDID – TRIQ NAZZARENU – XELTER**

**999. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb li wieħed mill-akbar xelters f'Raħal Ġdid, li jinsab fi Triq Nazzarenu u li kien diġà ġie skopert sentejn ilu, jiġi riabilitat u magħmul aċċessibbli għall-pubbliku f'jiem stabbiliti? Jekk iva, jista' jgħid ukoll jekk hemmx żmien stabbilit sabiex dan isir?

07/07/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 998.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**BCA – LIĠI SUSSIDJARJA 623.08 – KONTRAVENZJONIJIET**

**1001. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 574, jista' l-Ministru jgħid il-kontravenzjonijiet imsemmija għal kemm jammontaw bħala flus, maqsuma separatament? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn il-flus tħallsu?

07/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**AMBAXXATUR MALTI GĦAL-LIBJA - INVESTIGAZZJONI**

**1008. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej: Jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm rapporti lill-Ministeru fil-konfront tal-Ambaxxatur Malti għal-Libja dwar abbuż/ksur tal-liġi/attività kriminali? Jekk fl-affermattiv, jista' jgħid meta saru dawn ir-rapporti u x'sar mill-Ministeru meta ġie mgħarraf bihom?

07/07/2026

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1002.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**BAJJA TAL-MIŻIEB – MOORINGS**

**1012. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-moorings fil-Bajja tal-Miżieb (Mistra Bay) humiex ser ikunu parti mill-proċess ta' riorganizzazzjoni tal-moorings li Transport Malta qed twettaq? Jekk iva, jista' jgħid meta huwa mistenni li dan il-proċess jitwettaq?

07/07/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-intenzjoni tal-Awtorità hija li, eventwalment, iż-żoni kollha tal-irmiġġi amministrati minnha, inkluża l-Bajja tal-Miżieb (*Mistra Bay*), ikunu inklużi fi proċessi ta' riorganizzazzjoni.

Tajjeb li tkun taf li r-riorganizzazzjoni ma tistax issir fil-bajjiet kollha f'daqqa, u dan minħabba sigurtà, buon ordni u finanzi.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**ANZJANI INTITOLATI LI JKOLLHOM CARER**

**1013. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid liema kategoriji ta' anzjani huma intitolati li jkollhom carer?

07/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**ANZJANI – SERVIZZ TA' CARER PRIVAT – ĦLAS TA' VAT**

**1014. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk l-anzjani li jħallsu għal servizz ta' carer privat humiex eżentati milli jħallsu l-VAT?

07/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex tirreferi l-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**DJAR TAL-ANZJANI – LISTA TA' STENNIJA – ANZJANI FIL-KOMUNITÀ**

**1015. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm anzjani fil-komunità jistennew biex jidħlu f'dar tal-anzjani?

07/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**DJAR TAL-ANZJANI – LISTA TA' STENNIJA – ANZJANI FL-ISPTAR MATER DEI**

**1016. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm anzjani fl-Isptar Mater Dei jistennew biex jidħlu f'dar tal-anzjani?

07/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-preżent hemm 78 pazjent fl-isptar Mater Dei li qed jistennew biex jidħlu f'dar tal-anzjani.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**GĦAWDEX - DWEJRA - ŻONA TAL-INLAND SEA**

**1035. L-ONOR. BEPPE GALEA** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid x'titjib huwa ppjanat li jsir fid-Dwejra f'Għawdex, b'mod partikolari fiż-żona tal-Inland Sea, fid-dawl tal-fatt li fis-Seduta tat-Tnejn 6 ta' Lulju, 2026 intqal li d-diving se jkun wieħed min-niċeċ għat-turiżmu ta' kwalità? Jista' jgħid ukoll jekk huwiex ippjanat titjib fit-triq dilapidata li mill-pjazza twassal għall-Inland Sea, sabiex din iż-żona tkun aktar aċċessibbli u attraenti għall-għaddasa?

07/07/2026

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi l-mistoqsija parlamentari lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**FONDI EWROPEJ - ENERĠIJA RINNOVABBLI - PROĠETTI**

**1036. L-ONOR. BEPPE GALEA** staqsa lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pjanijiet għal proġetti ta' enerġija rinnovabbli ffinanzjati minn fondi Ewropej? Jekk iva, jista' jgħid liema huma u fejn se jsiru?

07/07/2026

**ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-identifikazzjoni, l-ippjanar, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' enerġija rinnovabbli jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-ministeri u l-entitajiet skont il-pjanijiet u l-objettivi tagħhom. Il-Ministeru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur huwa responsabbli mill-ipprogrammar u l-ġestjoni tal-programmi ta' finanzjament tal-Unjoni Ewropea.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**REGOLAMENTI DWAR IL-KONTROLL TA' KONĊENTRAZZJONIJIET - KONSULTAZZJONI PUBBLIKA - EMENDI**

**1037. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-istatus attwali, sussegwenti għal konsultazzjoni pubblika li saret f'Jannar 2026 biex jiġu emendati r-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet? Jista' b'mod partikolari jagħti ħjiel ta' meta ser jiġu ppubblikati l-emendi inkwistjoni?

08/07/2026

**ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI:** Filwaqt li nirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 34119 tal-XIV-il leġislatura, infurmat li ġiet ippubblikata t-tweġiba tal-Gvern għall-konsultazzjoni. L-emendi jiġu ppubblikati ladarba jitlestew il-proċeduri neċessarji.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**SPTAR MATER DEI - PROĠETT TA' ESTENSJONI - FINANZJAMENT TA' FONDI EWROPEJ**

**1038. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-finanzjament ta' fondi Ewropej mill-proġett tal-estensjoni tal-Isptar Mater Dei tneħħiex sabiex tinħareġ direct order ta' €120 miljun? Jekk iva, jista' jgħid:
i. għaliex ittieħdet din id-deċiżjoni,
ii. x'ser jiġri minn dawn il-fondi, u
iii. jekk dawn il-fondi hux ser jintilfu jew jekk ġewx ridirezzjonati f'xi proġett ieħor, u jekk iva, f'liema proġett?

08/07/2026

**ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI:** It-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**AMBJENT MALTA, PROJECT GREEN U ENTITAJIET OĦRA – UFFIĊJALI TAS-SIGURTÀ**

**1039. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 922 u tgħid kif joperaw l-uffiċjali tas-sigurtà impjegati taħt Ambjent Malta, Project Green u entitajiet oħra li jaqgħu taħtha li huma responsabbli mis-sigurtà u l-manutenzjoni ta' parks, ġonna u soft areas? Tista' tgħid ukoll x'tip ta' shift joperaw, kemm ikun hemm uffiċjali tas-sigurtà f'kull shift, u jekk dan japplikax għax-shifts kollha u għal parks u l-areas kollha?

08/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi l-informazzjoni mitluba fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**PANNELLI SOLARI**

**1040. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 923 u jgħid kemm hemm pannelli solari installati fuq skejjel u binjiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, id-daqs ta' kull installazzjoni, meta ġiet installata, u kemm iġġenerat kWhr ta' enerġija kull installazzjoni sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

08/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li bħalissa hawn 22 skola madwar Malta u Għawdex li għandhom pannelli solari installati u jiġġeneraw l-enerġija.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**PANNELLI SOLARI**

**1041. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 924 u jgħid kemm hemm pannelli solari installati fuq entitajiet kulturali, mużewijiet u binjiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, id-daqs ta' kull installazzjoni, meta ġiet installata, u kemm iġġenerat kWhr ta' enerġija kull installazzjoni sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

08/07/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li preżentement hemm 5 binjiet/siti li għandhom pannelli solari installati.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**INFRASTUCTURE MALTA – MIŻURI – TIBDIL FIL-KLIMA**

**1042. L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 834 u jagħti dettalji (policies u tekniċi) dwar x'miżuri qed tieħu Infrastructure Malta fil-proġetti tagħha fir-rigward tat-tibdil fil-klima u sabiex is-sistema infrastrutturali tagħna tkun iktar reżiljenti?

08/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta ilha għal dawn l-aħħar snin tadotta miżuri sabiex il-proġetti infrastrutturali tagħha jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u jsaħħu r-reżiljenza tal-infrastruttura nazzjonali.
B'mod ġenerali, Infrastructure Malta timxi mar-rekwiżiti tal-Green Public Procurement, li fost l-oħrajn jinkludu l-użu ta' materjali aktar sostenibbli u l-promozzjoni ta' prattiki li jnaqqsu l-impatt ambjentali tal-proġetti.
Fil-każ ta' proġetti kofinanzjati mill-Unjoni Ewropea, dawn iridu jkunu soġġetti għal proċess ta' "climate proofing", jiġifieri kriterji Ewropej relatati mat-tibdil fil-klima, b'kull proġett jiġi evalwat b'mod indipendenti.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**IL-PALAZZ TA' SELMUN – XOGĦLIJIET**

**1049. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 492 li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Turiżmu u jgħid meta hu ppjanat li jibdew ix-xogħlijiet ta' restawr fil-Palazz ta' Selmun, x'inhu l-istadju attwali tal-proġett, u jekk hemmx timeline stabbilita għat-tlestija tiegħu?

08/07/2026

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lil Onor. Interpellant illi r-restawr tal-Palazz ta' Selmun jifforma parti mill-Proġett ta' Selmun, li għandu l-għan li jirriġenera s-sit b'mod li jibbilanċja l-kunsiderazzjonijiet ekonomiċi, ambjentali, soċjali u kulturali, filwaqt li jiżgura s-sostenibbiltà u l-valur fit-tul, f'konformità mal-Viżjoni 2050.
Il-Gvern għandu l-intenzjoni li joħroġ Sejħa Kompetittiva għall-Proposti (Request for Proposals – RFP) sabiex jistieden proposti minn partijiet interessati, filwaqt li jiżgura trasparenza u valur għall-flus.
Saret ukoll Analiżi tal-Ispejjeż u l-Benefiċċji (Cost Benefit Analysis – CBA) sabiex issostni l-valutazzjoni strateġika u l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.
Dan l-approċċ jipprovdi qafas ċar u strutturat għall-Proġett ta' Selmun, sabiex id-deċiżjonijiet jittieħdu fuq il-bażi ta' analiżi soda u permezz ta' proċess kompetittiv, bil-għan li jinkiseb l-aħjar riżultat għas-sit u l-madwar tiegħu.
Fir-rigward tal-programm ta' implimentazzjoni u l-iskedi ta' żmien, dawn ikunu jistgħu jiġu stabbiliti u żvelati f'aktar dettall fi stadju sussegwenti, ladarba jitlestew il-proċessi meħtieġa.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**ĠESTJONI U MIŻURI RELATATI MAT-TRAFFIKU – UŻU TAL-AI**

**1050. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 494 u jgħid x'inhu l-progress tal-Gvern fl-użu jew l-adattament tal-intelliġenza artifiċjali (AI), fil-ġestjoni tat-traffiku u fil-miżuri relatati mat-traffiku? Jista' jgħid ukoll liema proġetti pilota, tenders jew sistemi diġà ġew ippjanati jew implimentati?

08/07/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajt għall-mistoqsija parlamentari. 494.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**MALTA – PROBLEMA TAL-PARKEĠĠ – PJAN ĦOLISTIKU**

**1051. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 495 u jgħid jekk il-Gvern għandux pjan ħolistiku biex jindirizza l-problema tal-parkeġġ madwar il-pajjiż, u jekk iva, jipprovdi dettalji dwar il-miżuri ppjanati, il-lokalitajiet prijoritarji, il-miri u t-timeline għall-implimentazzjoni?

08/07/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li, matul din il-leġiżlatura, il-Ministeru qiegħed jaħdem fuq Strateġija Nazzjonali tal-Parkeġġ bħala parti mill-implimentazzjoni tal-*Malta in Motion*. Din l-istrateġija qed tiġi żviluppata fuq il-bażi tal-istudji li qed isiru mill-ARUP u ser tindirizza, fost l-oħrajn, il-mistoqsija għall-parkeġġ. L-istrateġija ser tagħmel enfasi fuq parkeġġi fil-periferiji tal-lokalitajiet, flimkien ma' servizzi ta' trasport pubbliku ċirkolari li jiffaċilitaw l-aċċess lejn iċ-ċentri tal-lokalitajiet.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**SAN PAWL IL-BAĦAR - MAĦRAS TA' TABIBU**

**1052. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 925 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali u jgħid jekk il-Gvern huwiex konxju mill-istat perikoluż li fih jinsab il-Maħras ta' Tabibu fil-Bajja ta' San Pawl il-Baħar, u x'azzjoni immedjata ttieħdet jew ser tittieħed sabiex tiġi evitata l-kollass ta' dan il-monument storiku?

08/07/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel il-mistoqsija tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**RAĦAL ĠDID – ĠNIEN PAWLU BOFFA – XOGĦLIJIET**

**1061. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 103 u 794 u jgħid kemm kienet l-istima oriġinali tax-xogħlijiet li qed isiru fi Ġnien Pawlu Boffa, f'Raħal Ġdid u jekk sarx xi xogħol b'mod temporanju, jew b'xi mod ieħor, li sussegwentement inqala' jew se jkollu jinqala'? Jekk iva, x'inhi r-raġuni għal dan? Jista' jgħid ukoll kemm hija l-ispiża addizzjonali tax-xogħol li kellu jew se jkollu jsir minħabba f'hekk?

08/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ġejt infurmat li x-xogħlijiet li saru ammontaw għal €5,272.50ċ, VAT eskluż, bil-materjali li ntużaw għax-xogħlijiet ġew riċiklati għall-użu f'postijiet pubbliċi oħra.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**IN-NADUR – TORRI TA' KENUNA – MIŻURI**

**1065. L-ONOR. BEPPE GALEA** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid x'miżuri ttieħdu biex jiġi salvat it-Torri Ta' Kenuna fin-Nadur fl-aħħar sena? Jista' jgħid ukoll x'inhuma l-miżuri li għadhom iridu jittieħdu u meta hu l-pjan li jerġa' jkun miftuħ għall-pubbliku?

08/07/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul l-aħħar sena l-Ministeru għal Għawdex kellu diversi laqgħat mal-Kunsill Lokali tan-Nadur, mas-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali (SCH) u ma' persuni tekniċi, u dan biex jiġu identifikati l-miżuri meħtieġa għall-preservazzjoni tat-Torri ta' Kenuna. Apparti hekk, ġie kkummissjonat rapport tekniku dwar il-kundizzjoni strutturali tat-torri, filwaqt li ġie appuntat Perit sabiex jassisti lill-Ministeru fil-valutazzjoni tal-integrità strutturali tat-torri u ta' strutturi oħra relatati, bil-għan li jitnaqqas ir-riskju ta' kollass jew deterjorament ulterjuri.

Wara l-valutazzjoni preliminari, il-Perit irrakkomanda li jiġi appuntat Inġinier Ġeotekniku sabiex isiru l-investigazzjonijiet u l-istudji tekniċi meħtieġa. Ir-riżultati ta' dawn l-istudji se jippermettu lill-inġiniera jippreparaw id-disinji u d-dokumentazzjoni teknika meħtieġa għat-tħejjija tas-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' konsolidazzjoni u restawr tat-Torri ta' Kenuna.
Il-Ministeru se jkun f'pożizzjoni li jindika meta t-torri jista' jerġa' jinfetaħ għall-pubbliku ladarba jitlestew l-istudji tekniċi meħtieġa u jiġu stabbiliti l-interventi neċessarji biex tiġi garantita s-sigurtà tal-pubbliku u l-preservazzjoni tas-sit.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**MFHEA/04/2026 - ISTITUZZJONIJIET TAL-EDUKAZZJONI TERZJARJA**

**1068. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid x'konsultazzjoni saret mal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni terzjarja qabel ġiet implimentata l-Komunikazzjoni maħruġa mill-Awtorità ta' Malta għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (MFHEA) Nru /04/2026 dwar il-provvista ta' tagħlim online u blended?

08/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li l-Komunikazzjoni MFHEA/04/2026 inħarġet mill-Awtorità ta' Malta għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (MFHEA) bil-għan li tiċċara l-kundizzjonijiet applikabbli għal entitajiet prospettivi li jkunu qed japplikaw għal liċenzja ġdida sabiex joperaw bħala istituzzjonijiet tal-edukazzjoni avvanzata u ogħla kompletament online. Infurmat li din tapplika għal applikanti ġodda u ma taffettwax istituzzjonijiet diġà liċenzjati jew applikazzjonijiet li kienu diġà bdew il-proċess ta' liċenzjar.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**BLOKKA TAL-GVERN – RAMPA TA' AĊĊESS**

**1080. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx talba pendenti għall-installazzjoni ta' rampa ta' aċċess fir-rigward tal-blokka tal-Gvern li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jekk iva, jista' jagħti tagħrif dwar l-istadju li fih tinsab din it-talba?

08/07/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm talba pendenti għall-installazzjoni ta' rampa ta' aċċess għal din il-blokka, li bħalissa qed tiġi evalwata. Wara stħarriġ li sar mit-tekniċi tal-Awtorità tad-Djar, ġie kkonstatat li rampa konformi mal-linji gwida tal-"Access for All" ma tistax titwaħħal fl-ispazju disponibbli. Għaldaqstant, saret talba lis-CRPD sabiex tipprovdi gwida dwar kif għandu jitmexxa dan il-każ.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**FOND RELATAT MAL-ĦOLQIEN TA' SENSORY ROOMS**

**1081. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar il-fond relatat mal-ħolqien ta' sensory rooms? Jista' jgħid ukoll:
i. meta twaqqaf dan il-fond;
ii. min huwa eleġibbli għalih;
iii. x'għajnuna finanzjarja tingħata; u
iv. x'tip ta' spejjeż jew tagħmir huma koperti minn dan il-fond?

08/07/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-iskema SensAbility ġiet ippubblikata fl-1 ta' Novembru 2019. Eleġibbli għal din l-iskema huma applikanti jew membru tal-familja b'diżabilità li jesperjenzaw sfidi sensorji u li fid-data tal-applikazzjoni :

- huwa s-sid,
- il-kerrej konoxxut,
- l-enfitewta perpetwu jew temporanju,
- ma jippossjediex titolu fuq il-post iżda qiegħed jgħix fih bil-permess ta' sid id-dar li fuqha qed issir it-talba għall-għajnuna mogħtija taħt din l-iskema.

L-għajnuna finanzjarja taħt din l-Iskema tammonta għal €6,000. Barra minn hekk, għajnuna finanzjarja se tingħata għall-bdil ta' madum tal-art biex jinkludi l-ebda disinn u ripetizzjoni ta' disinn fil-madum u bdil ta' twieqi/bibien. Aktar tagħrif jista' jinkiseb minn https://housingauthority.gov.mt/scheme/sensability-scheme/
Il-lista ta' tagħmir qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**FOND RELATAT MAL-ĦOLQIEN TA' SENSORY ROOMS – APPLIKAZZJONI – PROĊESS**

**1082. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-proċess sabiex wieħed japplika għall-fond relatat mal-ħolqien ta' sensory rooms u x'inhu ż-żmien medju sabiex applikazzjoni tiġi pproċessata?

08/07/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li sabiex wieħed japplika għall-fond relatat mal-ħolqien ta' sensory rooms hemm bżonn li tiġi sottomessa applikazzjoni taħt il-kappa tal-iskema tad-Diżabilità. Il-fondi li jingħataw għall-apparat sabiex tiġi konvertita kamra bħala sensory room huwa €6,000 u l-approvazzjoni tal-applikazzjoni tieħu ftit ġranet diment li l-applikazzjoni tkun kompluta bid-dokumenti meħtieġa. Il-fondi jitħallsu wara li l-applikanti jissottomettu l-irċevuti fiskali tal-apparat mixtri jew installat.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**FOND RELATAT MAL-ĦOLQIEN TA' SENSORY ROOMS – ALLOKAZZJONI FINANZJARJA**

**1083. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju tal-proċess tingħata l-allokazzjoni finanzjarja għall-fond relatat mal-ħolqien ta' sensory rooms u ċjoè; qabel, waqt jew wara li jsir ix-xogħol?

08/07/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-allokazzjoni finanzjarja relatata mal-fond għall-ħolqien ta' *sensory rooms* tiġi approvata wara li jkunu tlestew ix-xogħlijiet, sakemm dawn ikunu twettqu skont il-kundizzjonijiet u l-kriterji tal-iskema.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**FOND RELATAT MAL-ĦOLQIEN TA' SENSORY ROOMS – APPLIKAZZJONIJIET**

**1084. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il applikazzjoni għall-fond relatat mal-ħolqien ta' sensory rooms ġiet sottomessa minn meta tnieda, kemm minnhom ġew approvati, miċħuda jew għadhom pendenti u kemm-il familja bbenefikat minnu sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

08/07/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li minn meta tnediet l-Iskema SensAbility, l-Awtorità tad-Djar irċeviet 153 applikazzjoni. Minn dawn 128 applikazzjoni ġew approvati filwaqt li applikazzjoni waħda ġiet meqjusa bħala invalida. Kien hemm total ta' 21 applikazzjoni li ġew irtirati u hemm 3 applikazzjonijiet pendenti.
It-total ta' familji li bbenefikaw mill-iskema sal-ġurnata li fiha qiegħda titwieġeb il-mistoqsija parlamentari jammonta għal 117.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**FOND RELATAT MAL-ĦOLQIEN TA' SENSORY ROOMS – INVESTIMENT**

**1085. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien l-investiment tal-Gvern fil-fond relatat mal-ħolqien ta' sensory rooms minn meta tnieda u jagħti rendikont maqsum sena b'sena?

08/07/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qiegħda titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**ĦAL QORMI – TRIQ IL-KBIRA – AKKWIST TAL-PROPRJETÀ U L-ĠNIEN TAT-TABIB MAEMPEL**

**1100. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-Gvern hux lest jevalwa l-possibbiltà li jakkwista l-proprjetà storika magħrufa bħala tat-Tabib Maempel fi Triq il-Kbira, f'Ħal Qormi, inkluż il-ġnien storiku tagħha, sabiex din tiġi restawrata u mħarsa għall-ġid komuni?

08/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru konċernat.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**ĦAL QORMI – TRIQ IL-KBIRA – AKKWIST TAL-PROPRJETÀ U L-ĠNIEN TAT-TABIB MAEMPEL**

**1101. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern hux lest jevalwa l-possibbiltà li jakkwista l-proprjetà storika magħrufa bħala tat-Tabib Maempel fi Triq il-Kbira, f'Ħal Qormi, inkluż il-ġnien storiku tagħha, sabiex din tiġi restawrata u mħarsa għall-ġid komuni?

08/07/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Gvern qed iwettaq proġetti ta' ġonna u spazji miftuħa f'siti li setgħu jiġu żviluppati, inkluż proprjetajiet li ġew akkwistati mill-Gvern. Għaddej ukoll restawr estensiv ta' proprjetajiet tal-Gvern sabiex dawn jintużaw mill-pubbliku, il-kunsilli lokali jew għaqdiet mhux governattivi. Il-Gvern qed isegwi l-iżviluppi relatati mal-applikazzjoni għal permess ta' żvilupp li tikkonċerna din il-proprjetà privata u bħalissa mhux involut f'diskussjonijiet dwar l-akkwist tagħha.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**ĦAL QORMI – TRIQ IL-KBIRA – AKKWIST TAL-PROPRJETÀ U L-ĠNIEN TAT-TABIB MAEMPEL**

**1102. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern hux lest jevalwa l-possibbiltà li jakkwista l-proprjetà storika magħrufa bħala tat-Tabib Maempel fi Triq il-Kbira, f'Ħal Qormi, inkluż il-ġnien storiku tagħha, sabiex din tiġi restawrata u mħarsa għall-ġid komuni?

08/07/2026

**ONOR. OMAR FARRUGIA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat

Seduta Numru 11
14/07/2026

**ĦAL QORMI – TRIQ IL-KBIRA – AKKWIST TAL-PROPRJETÀ U L-ĠNIEN TAT-TABIB MAEMPEL**

**1103. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern hux lest jevalwa l-possibbiltà li jakkwista l-proprjetà storika magħrufa bħala tat-Tabib Maempel fi Triq il-Kbira, f'Ħal Qormi, inkluż il-ġnien storiku tagħha, sabiex din tiġi restawrata u mħarsa għall-ġid komuni?

08/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**ĦAL QORMI – TRIQ IL-KBIRA – AKKWIST TAL-PROPRJETÀ U L-ĠNIEN TAT-TABIB MAEMPEL**

**1104. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern hux lest jevalwa l-possibbiltà li jakkwista l-proprjetà storika magħrufa bħala tat-Tabib Maempel fi Triq il-Kbira, f'Ħal Qormi, inkluż il-ġnien storiku tagħha, sabiex din tiġi restawrata u mħarsa għall-ġid komuni?

08/07/2026

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**ĦAL QORMI – TRIQ IL-KBIRA – AKKWIST TAL-PROPRJETÀ U L-ĠNIEN TAT-TABIB MAEMPEL**

**1105. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern hux lest jevalwa l-possibbiltà li jakkwista l-proprjetà storika magħrufa bħala tat-Tabib Maempel fi Triq il-Kbira, f'Ħal Qormi, inkluż il-ġnien storiku tagħha, sabiex din tiġi restawrata u mħarsa għall-ġid komuni?

08/07/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**DIPARTIMENT TAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI - KUNSILLI LOKALI - XOGĦLIJIET**

**1106. L-ONOR. BEPPE GALEA** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm xogħlijiet li ntalbu mill-kunsilli lokali minn Ġunju 2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma lokalità b'lokalità, u kemm ilhom li ntalbu, inkluż dawk li nbdew u dawk li għadhom ma tlestewx?

08/07/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba qed tinġabar.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**PERSUNI B'DIŻABILITÀ – RESERVED PARKING BAYS**

**1107. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 507 u jgħid kemm ingħataw reserved parking bays għal persuni b'diżabilità minn Jannar 2025 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar? Jista' l-Ministru jaqsam din l-informazzjoni wkoll skont it-tip ta' reserved parking bay (personalised, communal, eċċ.)?

08/07/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajt għall-mistoqsija parlamentari 507.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**IL-QAWRA – TRIQ L-ISTURJUN U DAWRET IL-QAWRA – QTUGĦ TAD-DAWL TAT-TRIQ**

**1108. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tara li d-dawl tat-triq fi Triq l-Isturjun u parti minn Dawret il-Qawra fil-Qawra jkunu mixgħula kuljum matul il-lejl, hekk kif dan id-dawl kien jinsab mitfi matul l-aħħar jiem? Tista' tgħid ukoll meta ssewwiet (jekk issewwiet) din il-ħsara?

08/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Infurmata li fiż-żewġ toroq indikati kien hemm żewġ lampi maqtugħin u dawn inbidlu fil-ġranet li għaddew.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**LESA - ĊITAZZJONIJIET**

**1120. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm ingħataw ċitazzjonijiet mil-LESA f'kull lokalità f'Malta u Għawdex, mill-1 ta' Mejju 2025 sal-aħħar ta' Ġunju 2026, maqsuma xahar b'xahar?

09/07/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**L.S. 350.14 - PBS - INFURZAR**

**1121. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid jekk matul l-aħħar sena, kienx hemm xi każ fejn il-PBS inforza jew ipprova jinforza l-artikolu 18 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 350.14, "Ħtiġiet dwar standards u prattika li japplikaw għal bulettini tal-aħbarijiet u l-programmi ta' ġrajjiet kurrenti"? Jista' jgħid ukoll x'passi ttieħdu f'kull każ?

09/07/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** It-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra

Seduta Numru 11
14/07/2026

**L.S. 350.14 - PBS - INFURZAR**

**1122. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid min fil-PBS hu responsabbli li jinforza u/jew li jiġu infurzati sezzjonijiet 18 u 19 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 350.14, "Ħtiġiet dwar standards u prattika li japplikaw għal bulettini tal-aħbarijiet u l-programmi ta' ġrajjiet kurrenti"?

09/07/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** It-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra

Seduta Numru 11
14/07/2026

**FAĊILITAJIET SPORTIVI - MODERNIZZAR**

**1141. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Ministeru għandux pjan nazzjonali sabiex il-faċilitajiet sportivi fl-iskejjel tal-Gvern jiġu mmodernizzati u jekk iva, iqiegħed kopja tiegħu fuq il-Mejda tal-Kamra jew jagħti deskrizzjoni dettaljata tiegħu?

09/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-informazzjoni li qed jitlob hija dik li ngħatat fit-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1138.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**L-ISPTAR MATER DEI - SWALI LI MHUX QED JIFFUNZJONAW**

**1144. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid għaliex swali li ġew inawgurati fl-Isptar Mater Dei ġimgħa qabel l-elezzjoni ta' Mejju 2026, għadhom mhux qed jiffunzjonaw?

09/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**L-ISPTAR MOUNT CARMEL - SWALI**

**1145. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm laqgħu persuni għal trattamenti sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, is-swali li ġew inawgurati fl-Isptar Mount Carmel ftit jiem qabel l-elezzjoni ġenerali ta' Mejju 2026?

09/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-1 ta' Mejju sad-9 ta' Lulju 2026, il-pazjenti li ddaħħlu f'Admission Ward 1 u Admission Ward 2 kienu jammontaw għal 53 u 50 rispettivament.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**TESTIJIET TAL-MRI - ŻMIEN MEDJU GĦAL RAPPORT**

**1146. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hija n-normal waiting time biex test ta' MRI jiġi rrappurtat?

09/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ż-żmien medju biex test ta' MRI jiġi rrappurtat huwa ta' erbat ijiem.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**L-ISPTAR MATER DEI - UFFIĊJALI TAS-SIGURTÀ**

**1147. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm uffiċjali tas-sigurtà kienu jagħtu servizz fl-Isptar Mater Dei bejn Jannar u Ġunju 2026, maqsuma xahar b'xahar?

09/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Gvern jixtri s-servizz abbażi ta' sigħat meħtieġa.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**L-ISPTAR MATER DEI - EMERĠENZA - PJAN TA' ESTENSJONI**

**1148. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid fiex wasal il-pjan ta' estensjoni tal-Emerġenza, meta hu ppjanat li jkun lest u b'kemm ser ikunu qed jiżdiedu s-sodod ta' emerġenza?

09/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-pjan dwar l-espansjoni tad-Dipartiment tal-Emerġenza u Sptar Akut tas-Saħħa mentali diġà ġew imħabbra. Ix-xogħol mistenni jibda matul ix-xahar t'Awwissu u mistenni jdum tlett snin biex jitlesta. Għall-parti l-oħra tal-mistoqsija, permezz ta' dan il-proġett l-ammont ta' "cubicles" se jkunu qed jirduppjaw minn 32 għal 70 "cubicle". Se jiżdiedu wkoll il-"cubicles" tal-Emerġenza Pedjatrika.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**ORTHOPAEDICS - ŻMIEN TA' STENNIJA GĦAL VISTA**

**1149. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm huwa l-waiting time minn meta tiġi reġistrata letter of referral għall-Orthopaedics sa meta l-konsulent jara lill-pazjent?

09/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħala parti mill-proċess ta' ġestjoni tar-referrals għall-Orthopaedics, ir-referrals kollha jiġu vvalutati mill-konsulenti skont il-prijorità klinika qabel ma jiġu appuntati. Għaldaqstant, iż-żmien ta' stennija għal vista jvarja skont in-natura tal-każ, il-proċess ta' vetting u d-disponibbiltà tal-appuntamenti tal-konsulent rispettiv.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**L-IMTARFA – ĠNIEN IS-SINJURA**

**1160. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tas-sitwazzjoni fi Ġnien is-Sinjura fl-Imtarfa, kemm mill-aspett ta' problemi strutturali fil-pedamenti kif ukoll fir-rigward ta' kwalunkwe moviment naturali tal-art? Jista' l-Ministru jassigura li ma hemm l-ebda periklu la għall-pubbliku u lanqas għar-residenti tal-madwar?

10/07/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**IL-MOSTA – PROPRJETAJIET TAL-GVERN**

**1161. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il proprjetà għandu l-Gvern fil-lokalità tal-Mosta?

10/07/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant tispeċifika x'qed tfisser bil-kelma proprjetà.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**L-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET – KONĊESSJONIJIET FIL-BAJJA TAL-ARMIER**

**1162. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-konċessjonijiet mill-Awtorità tal-Artijiet għall-kiri ta' deckchairs u umbrelel fil-Bajja tal-Armier?

10/07/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-bajja tal-Armier hemm 6 konċessjonijiet mill-Awtorità tal-Artijiet għall-kiri ta' deckchairs u umbrelel. Id-dokumenti nfushom mhumiex qegħdin jiġu mpoġġija fuq il-Mejda tal-Kamra hekk kif mitlub, minħabba restrizzjonijiet marbuta mal-att dwar il-protezzjoni tad-data.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**L-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET – KONĊESSJONIJIET F'GOLDEN BAY**

**1163. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-konċessjonijiet mill-Awtorità tal-Artijiet għall-kiri ta' deckchairs u umbrelel fir-Ramla tal-Mixquqa (Golden Bay)?

10/07/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fir-Ramla tal-Mixquqa hemm konċessjoni waħda għall-kiri ta' deckchairs u umbrelel. Id-dokument innifsu mhuwiex qiegħed jiġi mpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra hekk kif mitlub, minħabba restrizzjonijiet marbuta mal-att dwar il-protezzjoni tad-data.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**IL-MOSTA – TRIQ IL-MISSJUNARJI MALTIN – MIŻURI BIEX JITNAQQAS IR-RISKJU TA' INĊIDENTI**

**1164. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb li jittieħdu miżuri mill-aktar fis possibbli, bħall-installazzjoni ta' barrikati jew bollards, fi Triq il-Missjunarji Maltin fil-Mosta, fis-sit li d-dettalji tiegħu qed jingħataw separatament, biex il-vetturi ma jibqgħux jaqsmu bejn il-karreġġjati f'parti perikoluża, u b'hekk jitnaqqas il-periklu u r-riskju ta' inċidenti tat-traffiku gravi f'din iż-żona?

10/07/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din it-tweġiba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**Ħ'ATTARD – PJAZZA TUMAS DINGLI - XOGĦLIJIET**

**1165. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid meta se jitlesta x-xogħol fi Pjazza Tumas Dingli f'Ħ'Attard u tindika x'kienet l-iskeda ta' żmien oriġinali għal dan ix-xogħol?

10/07/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant sabiex tagħmel il-mistoqsija tagħha lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**ĦAL SAFI - ĊENTRU PASTORALI**

**1166. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' kull Memorandum of Understanding (MoU) jew tip ta' ftehim ieħor li jiddetermina minn min u għal liema għanijiet ser ikun jista' jintuża ċ-Ċentru Pastorali ta' Ħal Safi ġaladarba qiegħed jiġi restawrat b'fondi pubbliċi? Tista' tgħid ukoll jekk hemmx xi restrizzjonijiet dwar l-użu tiegħu?

10/07/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni se tkun qed tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**ĦAL SAFI - ĊENTRU PARROKKJALI**

**1167. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 676 u tgħid f'liema stadju jinsab il-proġett relatat maċ-Ċentru Parrokkjali, f'Ħal Safi? Tista' tgħid ukoll:
i. x'inhuma x-xogħlijiet li saru sa issa u kemm ġew jiswew;
ii. x'inhuma x-xogħlijiet li għadhom iridu jsiru u kemm huwa proġettat li ser jiġu jiswew; u
iii. meta huwa ppjanat li l-proġett ikun lest kompletament?

10/07/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni se tkun qed tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**BIRŻEBBUĠA - TRIQ GĦAR DALAM - ĦAJT TAS-SEJJIEGĦ**

**1168. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jispjega għaliex ġew installati barriers quddiem il-ħajt tas-sejjieħ li għadu kif ġie rikostruwit ftit 'il fuq minn Għar Dalam, fi Triq Għar Dalam, f'Birżebbuġa?

10/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-crash barrier ġie installat wara diversi rapporti u lmenti dwar is-sigurtà f'din il-parti ta' Triq Għar Dalam, fejn huwa rrapportat li seħħew diversi inċidenti tat-traffiku li kienu qed joħolqu riskju kemm għal min juża t-triq kif ukoll għall-bdiewa li jaħdmu fl-għelieqi biswit. Barra minn hekk, saret ukoll talba mill-Kunsill Lokali, filwaqt li l-installazzjoni tal-crash barrier saret bl-approvazzjoni ta' Transport Malta.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**ĦAL KIRKOP - TRIQ KARLU DARMANIN - XOGĦLIJIET - PROJECT PLAN**

**1169. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-project plan relatat max-xogħlijiet li qegħdin isiru fi Triq Karlu Darmanin, Ħal Kirkop li jkun jinkludi d-dati tal-bidu u tlestija ta' kull waħda mill-fażijiet tal-proġett għal din it-triq u kull triq oħra li tagħmel parti minn dan il-proġett?

10/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**IŻ-ŻURRIEQ - L-INĦAWI TAN-NIGRET - PROJECT PLAN**

**1170. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 447 u jelenka l-project plan relatat max-xogħlijiet li qed isiru f'diversi toroq fl-inħawi tan-Nigret fiż-Żurrieq, li jkun jinkludi d-dati tal-bidu u t-tlestija ta' kull waħda mill-fażijiet tal-proġett għal kull triq fosthom Triq il-Parit, Triq il-Veduta, Triq il-Mitħna tal-Qaret, Triq il-Barrieri, Triq id-Dejqa, Triq il-Benedittina u Triq Żondadari u oħrajn li għadu ma bediex xogħol fuqhom?

10/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**IŻ-ŻURRIEQ - L-INĦAWI TAN-NIGRET - PROJECT PLAN**

**1171. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 448, tista' l-Ministru twieġeb din il-mistoqsija fl-intier tagħha u tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-project plan relatat max-xogħlijiet li qed isiru u li għad baqa' jsiru f'diversi toroq fl-inħawi tan-Nigret fiż-Żurrieq li jkun jinkludi d-dati tal-bidu u tlestija ta' kull waħda mill-fażijiet tal-proġett għal kull triq fosthom Triq il-Parit, Triq il-Veduta, Triq il-Mitħna tal-Qaret, Triq il-Barrieri, Triq id-Dejqa, Triq il-Benedittina, u Triq Żondadari u oħrajn li għadu ma bediex xogħol fuqhom?

10/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li m'hemmx aktar x'inżid mat-tweġiba li diġà tajt.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**QTUGĦ TA' DAWL**

**1181. L-ONOR. BEPPE GALEA** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il darba nqata' d-dawl mill-1 ta' Ġunju 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma lokalità b'lokalità u jekk kienx skedat jew le?

10/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li l-qtugħ fil-provvista kien minħabba ħsarat lokalizzati li jinqalgħu minn żmien għal żmien, jew sospensjonijiet tas-servizz pjanati biex issir manutenzjoni li tkun meħtieġa perjodikament u li jitħabbru minn qabel. F'kull każ, l-Enemalta tagħmel l-almu kollu biex is-servizz jerġa' lura għan-normal fl-inqas ħin possibbli.

Seduta Numru 11
14/07/2026

**IL-BELT VICTORIA – OFFERTA GĦALL-BELT KAPITALI TAL-KULTURA 2031**

**1182. L-ONOR. BEPPE GALEA** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm intefqu flus s'issa għall-offerta tal-Belt Victoria bħala l-Belt Kapitali tal-Kultura 2031? Jista' jgħid ukoll:

i. kemm huma mħallsa l-membri tal-Fondazzjoni;
ii. kemm tħallas l-Artistic Director; u
iii. kemm hemm konsulenti involuti fl-offerta u kemm huma mħallsa?

10/07/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 11
14/07/2026

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET BIL-MIKTUB

**MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ, ID-DJALOGU SOĊJALI U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR – DEFIBRILLATORS**

**W240. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm defibrillators fil-binja tal-ministeru tiegħu?

22/06/2026

**ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi hemm tliet (3) defibrillators fil-Ministeru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur u d-dipartimenti li jaqgħu taħtu.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ, ID-DJALOGU SOĊJALI U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR – DEFIBRILLATORS**

**W241. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm defibrillators fil-binja ta' kull entità li taqa' taħt il-ministeru tiegħu?

22/06/2026

**ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi hemm tmien (8) defibrillators fil-binjiet tal-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ, ID-DJALOGU SOĊJALI U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR – HEALTH AND SAFETY OFFICERS**

**W242. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx health and safety officer fil-ministeru tiegħu u jekk le, għaliex?

22/06/2026

**ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi Health and Safety Officer li impjegat full time mhuwiex rikjest mil-liġi. Madankollu, għarfien rigward is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol huwa kontinwu.

Seduta Numru 5
30/06/2026

**MFHEA – APPLIKAZZJONIJIET PENDENTI – PROGRAMMI F'LIVELLI MQF 1 SA 4**

**W339. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm għandha applikazzjonijiet pendenti l-Awtorità Maltija għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (MFHEA) għall-akkreditazzjoni ta' programmi f'livelli MQF 1 sa 4?

06/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li MFHEA kellha 60 programm fil-livelli MQF 1 sa 4 li bħalissa jinsabu għaddejjin minn proċess ta' evalwazzjoni għall-akkreditazzjoni.

Seduta Numru 10
13/07/2026

**MFHEA – APPLIKAZZJONIJIET PENDENTI – PROGRAMMI F'LIVELLI MQF 5 SA 8**

**W340. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm għandha applikazzjonijiet pendenti l-Awtorità Maltija għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (MFHEA) għall-akkreditazzjoni ta' programmi f'livelli MQF 5 sa 8?

06/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li MFHEA kellha 72 applikazzjoni pendenti għall-akkreditazzjoni ta' programmi f'livelli MQF 5 sa 8.

Seduta Numru 10
13/07/2026